KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun

Id-Disa' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 9**

Laqgħa tal-kunsill Lokali Il-Ħamrun, fis-sala tal-Kunsill, nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar, 2025, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut
Jean Carl Agius Ciscaldi
Maria Mallia
Maria Baldacchino
Antoine Vassallo
Maria Mallia

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Tanya Agius Borg – Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vince Bonello
Aymen Grech Pace
Mario Calleja
Carmen Borg

Is-Sindku Christian Sammut jippresjedi l-laqgħa

| | |
|---|---|
| **09.02** | **Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa preċedenti** |
| 09.02.01 | Ix-xogħlijiet fi Triq Ġużè Maria Camilleri, għadhom l-istess. |
| 09.02.02 | Rigward Pjazza 7 ta' Ġunju jidher li kulma kien hemm żviluppi huwa li l-grada minn isfel itellgħet sa nofs it-tarag, filwaqt li għadna qed nistennew il-kamera. |
| 09.02.03 | Rigward l-applikazzjoni ħabba l-*obstical course* fl-iskola tal-Liċeo daħħlet l-applikazzjoni, però qed inkunu mitluba diversi dokumenti u affarijiet li se nkunu qed naħdmu fuqhom. |
| 09.02.04 | Rigward il-parkeġġ fil-liċeo kollox lest, inkluż video tal-promozzjoni, però fil-preżent il-kunsill għaddej b'audit fejn il-ħidma qed tiffoka fuq hekk. Il-kampanja se tkun qed tibda fil-ġimgħat li ġejjin. Rigward dak tal-iskola Maria Assumpta għadna qed nistennew mingħand l-iskola ħabba l-kameras li hemm bżonn. |
| 09.02.05 | Rigward ix-xogħlijiet fi Triq Atoċja, ġie ikkummissjonat survey tal-post, li se jkun qed isir lejn il-bidu ta' Frar. |
| 09.02.06 | Ix-xogħol fuq in-naħa tar-Rabbat u Triq is-Sewwieqa, mixi sew. Twaqqaf ftit għal matul iż-żminijiet tal-festi però se jitkompla mill-ġimgħa d-dieħla. |
| 09.02.07 | Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li qed jiltaqa' ma' nies li jidhru li huma nteressati li jieħdu ħsieb ix-xelters b'mod volontarju fosthom tal-grupp armar ta' San Gejtanu, dan biex jiġu evitati spejjez. L-aktar issue li hemm hija relatata mal-ilma, għalhekk iridu jiġu mixtrija xi pompi, pipijiet biex naraw jekk ikun tajjeb li jinfetħu għal xi okkażjonijiet varji. Il-Kunsill qabel. |
| 09.02.08 | Is-Sindku u l-Kunsilliera Maria Baldacchino, filwaqt li ltaqgħu maċ-Chinese Cultural, jidher li peress li daħal sew iż-żmien mhux se jkun hemm ċans li tittella' din l-attività, però se jkun importanti li jinżamm kuntatt magħhom biex issir attività magħhom fil-futur qrib u kif ukoll anke niftehmu minn qabel għal bidu tas-sena d-dieħla. |
| 09.02.10 | Is-Sindku reġa' nforma lill-kunsilliera li wara li kien hemm riżenja minn waħda mill-istaff issa beda il-proċess li jsiru l-intervisti. Wara li l-applikazzjoni intbagħatet lill-kunsilli kollha issa din is-sejħa ħarġet ma dawk li preżentement qed jirreġistraw fuq il-partijiet 1, 2, 3. Kien hemm il-possibilità li toħroġ sejħa oħra fuq skala 14, però jidher li se tkun xi ftit diffiċli, ħabba li għal din l-iskala wieħed irid ikollu ammont ta' O levels. Se tkun qed tiġi evalwata l-possibilità li tinħareġ sejħa fuq skala 16. |
| 09.02.11 | Fil-mument għaddej l-audit tal-2022. Qed isir ħafna xogħol bit-tama li dan ikun lest mill-aktar fis. Hekk kif dan jitlesta se tibda l-ħidma fuq l-audit tat- |

2023 u eventwalment tat-2024, b'hekk bħala kunsill inkunu up-to-date fejn jidħol audit.

09.02.12 Riġward accounts is-Sindku informa lill-kunsilliera li bħalissa qed jiġu posted il-postings tal-aħħar tlett xhur tas-sena.

09.02.13 Rigward ix-xogħolijiet tar-Roof Garden bħalissa bdiet it-tieni fażi tiegħu, fejn jidher li kollox huwa taħt kontoll, però jidher li hemm issue żgħira. Il-kuntrattur kien ġibet l-attenzjon fuq il-pompa li kienet imniżżla fuq it-tender, għax jidher li din mhux se tkun biżżejjed biex ittella' l-ilma. Apparti minn dan hemm issue oħra, fejn biex titħaddem il-pompa hemm bżonn ta' 3 phase. Jidher li se jkun hemm xi spejjeż addizzjonali li ma kienux pjanati għalhekk se jinġiebu xi stimi biex naraw x'se tkun l-ispiża. Is-Sindku qal li se jżomm lill-kunsillieri infurmati fuq l-iżviluppi li hemm bżonn.

09.02.14 Fuq il-minuti il-kunsillier Vassallo qal li qed jieħu nota tad-dokumentazzjoni li s-Sindku bagħat. Il-Kunsillier issuġġerixxa li jsir bħala studju biex naraw fis-sew il-bżonnijiet li hemm fil-lokal. Hekk kif dan kollu kien qed jiġi diskuss saret diskussjoni libera bejn il-kunsilliera fuq il-possibilità li jsiru aktar attivitajiet abbażi ta' dak li jista' joħroġ minn dan l-istodju li jista' jsir. Il-Kunsill qabel.

**09.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

09.03.01 Is-Sindku informa li wara li kienet tqajmet issue relatata mal-kummenti li saru waqt il-programm fuq l-istazzjon nazzjonali Family Freud, intbagħatet korrispondenza uffiċjali mingħand il-kunsill stess lill-PBS u lill-kumpanija li tipproduċi l-programm. Huwa saħaq li kien diżappuntanti l-fatt li flokk il-preżentatur waqqaf dan l-għaġir, dan kompla mal-kummenti li saru. Wara li intbagħat l-email, wieħed mid-diretturi s-Sur Ben Camille wieġeb u talab laqgħa fejn għaliha attendew s-Sindku, l-Kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi, is-Segretarju Eżekuttiv u l-imsemmi Camille. Din il-laqgħa kienet waħda kordjali ħafna u jidher li se jkun hemm il-possibilità li naħdmu flimkien fil-futur.

09.03.02 Waqt din il-laqgħa ġie diskuss il-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv, fejn dan ġie approvat li jingħata il-full tiegħu. Il-Kunsill approva.

09.03.03 Is-Sindku qal li hemm bżonn li l-kunsill ikollu van addizzjonali. Ittieħdet l-azzjoni biex inġiebu diversi stimi fuq vannijiet li jaf ikunu tajbin għal ħidmet il-kunsill. L-aħjar wieħed u l-aktar wieħed irħis li nstab huwa wieħed fuq għamla ta' Peugeot għall-prezz ta' €3400.

**09.04 Korrispondenza**

09.04.01 Waslet korrispondenza mingħand ir-reġjun rigward il-laqgħa li ssir ta' kull xahar, fejn għal din se jkun qed jattendi l-kunsillier Dr Antoine Vassallo, f'isem il-Kunsll.

09.05 **Karnival**

09.05.01 Rigward il-Karnival fil-Ħamrun dan se jkun qed isir nhar il-Ħadd 23 ta' Frar, fejn għal darba oħra dan se jkun qed isir bil-kollaborazzjoni ta' Festivals Malta. Li se jkun hemm interessanti din is-sena hu li apparti l-kompetizzjoni tal-Karrijiett ta' Sezzjoni D, se jkun hemm ukoll l-kompetizzjoni taż-żfin li uffiċjalment se tkun qed tibda mill-Ħamrun stess, allura dan jista' jgħin biex ikun hawn aktar attendenza. Il-ħidma tiġa bdiet, fejn bħas-soltu se jkun hemm is-sehem tal-baned tal-Ħamrun u kif ukoll banda li se tkun parti mill-programm tal-Karnival, li hija l-Banda taż-Żejtun. Is-Sindku qal li saret talba minn banda oħra, però it-talba tal-ħlas hija ta' €2000.

09.05.02 Is-Sindku qal li se jkunu qed jiġu avviċinati l-għaqdiet qed inħeġġuhom biex jagħmlu karru żgħir u kif ukoll ikun hemm is-sehem tal-baned fejn dawn se jkunu qed jinataw appoġġ ta' €1500 - €500 għall-karru u €1000 għall-banda. Dawn se jieħdu €500 jekk jagħmlu karru u €1000 jekk tippartecipa l-banda. Wara dan saret diskussjoni libera fuq dak li jista' jsir waqt din il-attività.

**09.06 Ħamrun Cultural Hub**

09.06.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li issa il-Ħamrun Hub għandu is-servizz tad-dawl u tal-ilma, filwaqt li baqa' vera l-aħħar affarijiet żgħar x'isiru fih. Huwa qal li huwa mportanti li kulħadd ikellem u javviċina n-nies dilettanti u artisti biex itellgħu xi wirja jew esibizzjoni. Importanti li min ikun interessat jrid jagħmel sejħa uffiċjali lill-kunsill. Il-Hub se jkun disponibbli minn wara l-1 ta' Frar.

09.06.02 Fuq dan saret diskussjoni libera bejn il-membri, li ilkoll waslu għall-għan li grazzi għal dan il-post jersqu aktar nies lejn il-Ħamrun.

**09.07 Proġetti**

09.07.01 Kif tiġa ssemma aktar kieni bħalissa għaddej ix-xogħol fin-naħa tar-Rabbat fuq fir-Roof Garden. Apparti dan, is-Sindku nforma lill-kunsillieri li il-kunsill ingħata €30k minn skema biex ikun hemm *street furnature* fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

**09.08 Tender Car Park**

09.08.01 Fl-aħħar tas-sena se jkun qed jagħlaq it-tender tal-carpark, li fil-preżent huwa tal-MCP. Is-Sindku qal, kif inhu fil-preżent huwa l-aħjar mod possibbli, għalhekk ikun tajjeb li it-tender li jmiss joħroġ fuq dan l-istess mudell, fejn qal ukoll li tkun idea tajba jekk kull min jagħmel estensjoni tal-parkeġġ irid jippreżenta l-assikurazzjoni u liċenzja.

09.08.02 Il-kunsillier Jean Carl Agius Ciscaldi staqsa jekk hux possibbli li dan jieħdu l-kunsill. Fuq dan kien hemm diskussjoni li huwa diffiċli, apparti l-ammont ta' spejjeż kontinwi li jkun hemm.

09.08.03 Is-Sindku kompla jitkellem fuq il-carpark fejn qal li hemm ċertu nuqqasijiet li jridu jsiru, fosthom il-lift, u t-tindif li hemm bżonn li jkun regolari. Hemm bżonn ukoll li jitranġa d-dawl u kif ukoll lis-sistema tal-barrieri, fid-dħul u l-ħruġ. Bħalissa hemm sistema li hi antika ħafna, li ma taqrax in-numru tar-reġistrazzjoni, però huwa mportanti li din titranġa. Huwa qal ukoll li jkun għaqli li jkun hemm sistema li taqra n-numru jekk ikun tal-Y plate u jimmarka li dan ikun daħal fil-parkeġġ. Saret diskussjoni libera fuq dan u kif l-aħjar li titkompla u ssir il-ħidma fuq dan, qabel ma' jinħareġ it-tender, li huwa mportanti li dan jinħareġ fi żmien qasir.

**09.09 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

09.09.01 Il-Kunsillier Mario Calleja semma xi ilmenti li qed jgħaddu n-nies, fejn però ġie innotat li l-ideali li dawn jintbagħatu b'email għall-attenzjoni u azzjoni tal-istaff. Huwa qal ukoll fuq il-possibilità li jsiru aktar kameras, però is-Sindku fakkar li dawn iġibu magħhom ammont sostanzjali ta' spejjeż.

09.09.02 Il-Kunsilliera Maria Mallia, semmiet il-fatt ta' x'għandu jsir biex ikun aħjar il-ġnien li hemm quddiem l-iskola Marija Assumpta – Ġnien Vittmi Ħamruniżi, fejn dan għandu jiġi żviluppat u jitranġa. Hija qalet kien hemm min issuġerixxa li ssir bħal fence bil-ħaxix.

09.09.03 Waqt din id-diskussjoni tqajmu diversi punti fosthom li jista' jkun hemm il-possibilita ta' parkeġġ taħtu, jew inkella sala. Jista' jkun hemm ukoll open gym u dog park. Il-ħsieb hu li l-kunsill jara x'jixtieq, x'jaħseb u x'jista jsir. Fuq dan saret diskussjoni libera fejn l-għan hu li jkun hemm aktar diskussjonijiet fuqhu.

**09.10 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagament**

09.10.01 L-iskeda tal-ħlasijiet numru 01.2025 ġiet approvata mill-Kunsilliera Dr Antione Vassallo u sekondat mill-kunsilliera Maria Baldacchino.

**09.11 Aġġornament tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa li jmiss hija skedata għall-Erbgħa 12 ta' Frar 2025, fil-5.30pm.

Christian Sammut
Sindku

Tanya Agius Borg
Segretarju Eżekuttiv